



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 13 ta' Ġunju 2012  
(OR. en)**

**10449/12**

**Fajl Interistituzzjonali:  
2011/0431 (APP)**

**LIMITE**

**FREMP 81  
JAI 366  
COSCE 17  
COHOM 122  
OC 292**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi Qafas Multiannwali għall-2013-2017 għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

**LINJI GWIDA KOMUNI**

**Skadenza għall-konsultazzjoni tal-Kroazja: 22.6.2012**

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Nru .../2012/UE**

**ta'**

**li tistabbilixxi Qafas Multiannwali għall-2013-2017  
għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

---

<sup>1</sup> ĠU C, , p. .

Billi:

- (1) B'kunsiderazzjoni tal-objettivi tal-fondazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("l-Aġenzija"), u sabiex l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha tajjeb, l-oqsma tematiċi preċiżi tal-attività tagħha għandhom jiġu determinati minn Qafas Multiannwali li jkopri ħames snin kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jstabbilixi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali<sup>1</sup>.
- (2) L-ewwel Qafas Multiannwali ġie addotat mill-Kunsill fid-Deċiżjoni 2008/203/KE tat-28 ta' Frar 2008 li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 168/2007 fir-rigward tal-adozzjoni ta' Qafas Multiannwali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012<sup>2</sup>.
- (3) Il-Qafas Multiannwali għandu jitwettaq biss fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni.
- (4) Il-Qafas Mutiannwali għandu jkun konsistenti mal-prijoritajiet tal-Unjoni, filwaqt li jittieħed kont dovut tal-orjentamenti li jirriżultaw mir-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u mill-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.
- (5) Il-Qafas Multiannwali għandu jagħti l-importanza xierqa lir-riżorsi finanzjarji u umani tal-Aġenzija.

---

<sup>1</sup> ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 63, 7.3.2008, p. 14.

- (6) Il-Qafas Multiannwali għandu jinkludi dispożizzjonijiet maħsuba sabiex tkun żgurata l-komplementarjetà mar-responsabbiltajiet ta' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, kif ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra attivi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. L-aġenziji u korpi l-iktar relevanti tal-Unjoni relattivament għal dan il-Qafas Multiannwali huma l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX) stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2007/2004<sup>2</sup>, in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE<sup>3</sup>, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS) stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>, l-Eurojust, l-unità għall-koperazzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea (EUROJUST) stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI<sup>6</sup>, l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL) stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI<sup>7</sup>, il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI<sup>8</sup>, l-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (Aġenzija tal-IT) stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup> u l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (EUROFOUND) stabbilita mir-Regolament (KEE) Nru 1365/75<sup>10</sup>.

---

<sup>1</sup> ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.

<sup>2</sup> ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 131, 21.5.2008, p. 7.

<sup>4</sup> ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

<sup>5</sup> ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

<sup>6</sup> ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

<sup>8</sup> ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

<sup>9</sup> ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1.

<sup>10</sup> ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

- (7) Il-Qafas Multiannwali għandu jinkludi l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata fost l-oqsma tematiċi tal-attività tal-Aġenzija.
- (8) Fid-dawl tal-importanza tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali għall-Unjoni, li għamlitha bħala waħda mill-ħames miri tal-istrateġija għat-tkabbir Ewropa 2020, l-Aġenzija għandha tqis il-prekondizzjonijiet ekonomiċi u soċjali li jippermettu tgawdija effettiva tad-drittijiet fundamentali meta tiġbor u tqassam data fi ħdan l-oqsma tematiċi stabbiliti minn din id-Deċiżjoni.
- (9) L-Aġenzija, fuq talba mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, dment li r-riżorsi finanzjarji u umani tagħha jkunu jippermettu dan, tista' taħdem barra mill-oqsma tematiċi determinati mill-Qafas Multiannwali, f'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007. F'konformità mal-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura li taqdi u tħares liċ-ċittadini<sup>1</sup>, adottat mill-Kunsill Ewropew, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-kompetenza esperta tal-Aġenzija, u fejn ikun meħtieġ, jikkonsultaw mal-Aġenzija, f'konformità mal-mandat tagħha, fir-rigward tal-iżvilupp ta' linji ta' politika u leġiżlazzjoni b'implikazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali.
- (10) Fit-tnejn tal-proposta tagħha, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija u rċeviet kummenti bil-miktub fit-18 ta' Ottubru 2011,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

*Artikolu 1*  
*Qafas Multiannwali*

1. B'dan huwa stabbilit Qafas Multiannwali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("l-Aġenzija") għall-perijodu 2013-2017.
2. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, twettaq il-kompiti ddefiniti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 fl-ambitu tal-oqsma tematiċi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*  
*Oqsma tematiċi*

L-oqsma tematiċi għandhom ikunu s-segwenti:

- (a) l-aċċess għall-ġustizzja;
- (b) il-vittmi ta' kriminalità, inkluż il-kumpens għall-vittmi tal-kriminalità;
- (c) is-soċjetà tal-informazzjoni u, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali;
- (d) l-integrazzjoni tar-Roma;
- (e) il-kooperazzjoni ġudizzjarja, ħlief fi kwistjonijiet kriminali;

- (f) id-drittijiet tat-tfal;
- (g) id-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;
- (h) l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti, il-viżi u l-kontroll tal-fruntieri u l-asil;
- (i) ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata.

### *Artikolu 3*

#### *Komplementarjetà u kooperazzjoni ma' korpi oħra*

1. L-Aġenzija għandha tiżgura kooperazzjoni u koordinazzjoni xierqa ma' korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti tal-Unjoni, mal-Istati Membri, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mas-soċjetà ċivili, f'konformità mal-Artikoli 7, 8 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, għall-implimentazzjoni tal-Qafas Multiannwali.
2. L-Aġenzija għandha tittratta l-kwistjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni abbażi ta' sess biss bħala parti minn, u safejn ikun rilevanti għal, xogħolha fil-kuntest tal-punt (g) tal-Artikolu 2, filwaqt li jitqies li huwa għall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) biex jiġbor id-data dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diskriminazzjoni bejn is-sessi. L-Aġenzija u l-EIGE għandhom jikkooperaw f'konformità mal-ftehim ta' kooperazzjoni tat-22 ta' Novembru 2010.

3. L-Aġenzija għandha tikkoopera mal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (EUROFOUND) f'konformità mal-ftehim ta' kooperazzjoni tat-8 ta' Ottubru 2009, u mal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni (FRONTEX) f'konformità mal-ftehim ta' kooperazzjoni tas-26 ta' Mejju 2010. Barra minn hekk, hija għandha tikkoopera mal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO), man-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, mal-Eurojust, l-unità għall-kooperazzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni, mal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), mal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u mal-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (Aġenzija tal-IT) f'konformità mal-ftehimiet ta' kooperazzjoni rispettivi futuri. Il-kooperazzjoni ma' dawn il-korpi għandha tkun limitata għal attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-oqsma tematiċi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.
4. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti tagħha fil-qasam tas-soċjetà tal-informazzjoni u, partikolarment, fir-rispett tal-ħajja privata u tal-protezzjoni ta' data personali, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-privatezza, jiġu rrispettati mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni skont id-dmirijiet u poteri tiegħu kif previst fl-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.



5. L-Aġenzija għandha tikkoordina l-attivitajiet tagħha ma' dawk tal-Kunsill tal-Ewropa f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill tal-Ewropa<sup>1</sup>, imsemmi f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 4*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU L 186, 15.7.2008, p. 7.